# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Jonathan Ransley u Spettur Michael Vella )
Vs
Harish Kondra

Illum: 19 ta` Dicembru 2023.
Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Harish Kondra, iben Shanker u Lakshmi nee` Boddu, residenti gewwa 15, Mariah, Triq Fonsu Maria Galea, Birkirkara, imwieled gewwa Koratical, Telangana, India nhar il-11/05/1997 u detentur tal-Passaport Indjan bin-numru N 9450859.

U nakkuzak talli nhar is-27/10/2023 ghall-habta tal-hinijiet ta` bejn 10:00Hrs u 13:Hrs gewwa l-Imsida.

1. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisa jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi

awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz.

2. Ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi document iehor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali.

3. Dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtrija skont jew ghall-finijiet ta’ dan- l-Att ( l-Att dwar l-immigrazzjoni) tagh jew gieghel li jnghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz;

Fis-17 ta’ Novembru 2023 gew ezibiti Dok JR1 Kopja tal-passaport, Dok JR2 Fedina Penali , Dok JR 3 NPS report , Dok JR 4 Stqarrija;
l-imputat iddikjara li mhux hati waqt l-ezami tas-17 ta’ Novembru 2023;
L-imputat tah ruhu notifikat bl-atti kif korretti fit-12 ta Dicembru 2023;

Rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 u art 32(1)(c ) tal- kap 217 tal-ligijiet ta’ Malta.
Semghet ix-xhieda u rat-il-provi u d-dokumenti kollha.
Rat l-atti kollha.
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.
Rat li l-kawza giet differita ghal-llum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Spt. Michael Vella, xehed hekk:

Xhud: Iva nahlef, bazikament nhar il-27 ta` Ottubru ghall-habta ta 11.00 ta` filghodu gejna infurmati mil-identita li kien hemm persuna li ipprezenta xi dokumenti foloz minnufih il-pulizija marru fuq il-post fejn stabbilixxew li dil-persuna bl-isem ta` Harish Kondra li qed naghraf hawnekk gewwa l-awla.

Qorti: Ix-xhud inidka lil imputat.

Xhud: Kien ipprezenta email mil-work permit health regulation datata 23 ta` Ottubru li din kienet falsifikata hawnekk nixtieq nipprezenta din l-email.

Qorti: Mela DOK MV.

Xhud: Dawn stqarrew li din kienet iffalsifikata minhabba il-fatt li reference number SG2023/24997 ma kienetx taghjjat lil istess Harish Kondra biss kienet taghjjat lil certu Baylic Singh wara verifici li saru mal-health regulations infushom.

Qorti: Numru ma kienx jikkombaca mal-affarijiet taghhom bazikament?

Xhud: Naqblu u hawnekk ghandi l-email li tikkonferma dan kollu.

Qorti: DOK MV1.

Xhud: Bazikament ghall-habta ta` 5.00 wara nofs in-nhar ġibnieh l-Ghassa tas-Sliema fejn għażel jikkonsulta mal-Legal Aid Dr. Julia Micallef Stafrace permezz ta' telefonata u għażel li jirrilaxxa stqarrija bil

miktub fil-preżenza ta' impenn interpretu Pintu jismu.

Qorti: Il-Qorti tirrileva li Dr.Julia Micallef Stafrace. Mela prosekuzzjoni u difiża ma joġġezzjonawx din il-Qorti kif preseduta tkompli tisma' dawn il-proċeduri.

Xhud: Bażikament fl-istqarrija qal li dan id-dokument għadda mill-employer tiegħu David Debono u kkonferma li t-testijiet mediċi kien għamilhom Da Vinci, jiġifieri testijiet vera kienu saru biss l-email li kien hemm issue fuqha. It-tieni ta' Novembru għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar baghat ghall-istess employer David Debono fejn wara ngħata drittijiet kollha legali tiegħu irrifjuta li jagħmel użu minn dan id-dritt,

Qorti: Min?

Xhud: David Debono li jiġi allegatament l-employer minhabba l-fatt li Harish Kondra allega li dawn id-dokument kien tghadda minn David Debono ovvjament jiena parti mill-investigazzjoni baghat ghall-istess David Debono in the meantime Harish Kondra hrigtu fuq Police Bail sakemm inkun nista' nagħmel investigazzjonijiet tiegħi. Issa David Debono ċaħad li għadda dokument malli wara li urejtu dan id-dokument mill-ewwel qalli dik kienet falza għal-diversi raġunijiet.

Qorti: David Debono qed tghidli?

Xhud: David Debono one l-email li kien imniżżel fl-email ma kienx jikkombaci mal-email tal-kumpanija, flok djs… … email .com il-kelma gmail kellha typo biex

nifthemu. U kellha xi affarijiet oħra bħal kwalità tal-karta qal din tidher li hi falza tipo. Rigward dan kollu tressaq taħt arrest nhar l-14 ta' Novembru fejn wieġeb mhux ħati u baqa' miżmum taħt libertà proviżorja ħareġ kontra dejjem. Xejn aktar sinjura.

Qorti: Mela kontro eżami.

Avu: Meta inti għamiltu l-istqarrija. Hu kellu bżonn interpretu?

Xhud: Iva u kien preżenti.

Avu; Hu ma jifhimx bil-lingwa ingliża naqblu?

Xhud: Jifhem ftit hafna.

Avu: Għax pruvajt nikkomunika mieghu.

Xhud: Jekk tista' tgħid ma jifhimx ma jifhimx imma kellu bżonn interpret, biex inkunu ċerti li qed jifhem sewwa.

Avu: Daqshekk. Dak kollox iva.

**<u>Daniel Dimech xehed hekk :</u>**

Pros: Mr. Dimech illum gejt maghjjat illum biex tixhed rigward proċeduri tista' tispjegalna dwar xiex u x' inhu l-involviment f`dawn il-proċeduri?

Xhud: Iva mela fis-27 t' Ottubru ġejna informati jien naħdem f`Identity Malta sewwa.

Pros: Il-kariga tieghek fl-identità Malta?

Xhud: Unit coordinator.

Pros: Mela ġejna informati mill-front office li hawn persuna Harish Kondra li ppreżenta health screening falz aħna kkonfermajna, d-dokument jiġi kopja tiegħu għandi hawnhekk.

Qorti: Mela DOK DD. Mela dak huwa health screening dokument li suppost jippreżentaw biex toħroġ residence permit. Aħna kkonfermajna mal-health screening bagħtna email u għandi hawnhekk l-email kopja tal-email fejn tgħid li dak ir-reference number ma jgħajjatx lill Harish Kondra iżda lil Bayic Singh.

Qorti: DOK DD1.

Xhud: Imbagħad ċempilna lill-pulizija ħabba l-każ.

Qorti: Dawn huma l-istess dokument ispetti. Iva li għaddejtlek l-oriġinali li kienu għaddewna on site u naħseb illi ghaddejt il-kopja tagħhom issa.

Qorti: Mela ha nurik DOK MV u MV 1 arali naqra tghidli x`inhuma dawk please jekkm humiex l-istess bhal dak li ghadek kif ezebejtli?

Xhud: Iva l-istess dokumenti.

Pros: Inti f`din l-awla qed taghraf lil xi hadd?

Xhud: Lis-sinjur Harish Kondra.

Qorti: Mela ix-xhud gharaf lil imputat.

Pros: Issa dan ipprezenthom personali Din kienu emendi. Nistgħu forsi. Ngħidu l oriġinali ta' dan iċ ċekk emendi kollox iva. Biex tikkonferma. Ħa nurik dog mv u every one u wara li naqra għax tgħidli x' inhuma dawk b'qis hekk humiex l istess bħal dak li għadek kif esebejt li. Iva l istess dokumenti.

Pros: Issa ipprezenthom hu d-dokumenti jew xi hadd f'ismu?

Xhud: Ppreżentahom hu ġie fl-uffiċċju dakinhar fit-27th October.

Pros: Permezz ta' appuntament?

Xhud: Appuntament normali.

Qorti: L-appuntament ghamiltuh intom Jew ghamlu hu?

Xhud: L-booking online qasir jiġifieri jagħmlu jew il-persuna jew l-employer.

Pros: F'dan il każ min għamlu?

Xhud: Ma nafx ma nkunx naf min.

Pros: Xejn aktar sinjura.

Avu: Kontro Ezami, Mela inti qalulek li kien hemm xi ħaġa xi ħadd qallek bil-ċirkustanzi mhux inti kont fid-desk meta ġie naqblu?

Xhud:    Iva.

Avu:     U inti dak il-ħin mort mort tkellmu f'xi ħin?

Xhud:    Mela jien u mbagħad inzilt iccekkjajna d-dokument imbagħad vverifikajna ma' l-IDCU minn fejn joħroġ id-dokument, jiġifieri mbagħad kellimnih biex naraw il-verżjoni tieghu.

Avu:     U kellimtuh bil-Malti jew bl-ingliż?

Xhud:    Bl-ingliż jekk niftakar sew.

Pros:    Hu jifhem?

Xhud:    Insejt għax nara ħafna każijiet il-verità.

Qorti:   Taf jekk kienx hemm interpret?

Xhud:    Interpretu mingħalija ma kienx hemm imma ma niftakarx fil-verità.

Avu:     Il-komunikazzjoni li kien qed issir fil-kaz tieghu permezz ta` email ma min kienet qeghda issir?

Xhud:    Komunikazzjoni f`liema sens?

Avu:     Inti ghedt kien hemm l-applikazzjoni l-appuntament li sar?

Xhud:    L-appuntament sar online.

Avu:     Imma minn min?

Xhud:    Mingħand il-persuna jew l-employer.

Avu: Ma tkunx taf minn min?

Xhud: Min naħa tiegħi le jien hawnhekk jien bħala reporting unit jigifieri ahna niccekkjaw dawn il-kazijiet.

Avu: Jiġifieri l-applikazzjoni tiegħu ma tafx apparti l-meeting online applikazzjoni tiegħu minn minn preżentaha jew hekk għandek idea?

Xhud: Kull applikazzjoni tibda mingħand l-employer.

Avu: Jiġifieri l-employer jippreżentaha?

Xhud: Kull applikazzjoni tibda minn hemmhekk iżda dokument ppreżentah hu dakinhar.

Avu: U dakinhar x'dokumenti kellu miegħu?

Xhud: Wieħed mid-dokumenti f'dan il-każ kien il-health screening.

Avu: Dak wieħed mid-dokumenti mma kellu numru ta' dokumenti dakinhar?

Xhud: Ma nkunx naf x'dokumenti hemm imma għax dak kif għedtlek il-front office jiċċekkjaw id-dokumenti. Ieħor kemm dokumenti nista' ngħidlek imma.

Avu: Ma tafx kellux mazz dokumenti dokument wieħed?

Xhud: Ma nkunx naf.

Avu: Ok xejn iżjed sinjura.

.

David Debono, xehed hekk:

Pros: Mela Sur Debono tgħidilna x'inhu l-irwol tieghek il-kariga tiegħek x`taħdem?

Xhud: Ir-rwol fil-kumpanija jisimha DJS … u qieghed direttur fiha, sole director fil-kumpanija.

Pros: Tiftakar li kont bgħatt għalik ġewwa l-għassa tas-Sliema?

Xhud: Iva.

Pros: Tiftakar fuq xiex kont bgħatt għalik?

Xhud: Fuq dokument li kien allegament falz ppreżentajtu jiena lis-sur Harish Kondra.

Pros: Semmejt is-sur Harish Kondra qed taghrfu hawnkk fl-awla?

Xhud: Iva, dak tas-suit navy blue.

Pros: U inti kif tafu dan Harish?

Xhud: Kont nafu għax kelli bżonn vacancy bħala construction worker ghamilt vacancy advert u għamel kuntatt miegħi baghtli CV u proċessajtlu l-applikazzjoni tiegħu.

Pros: Meta ngħidu proċessajtlu l-applikazzjoni eċċetra x'inhu fil-qosor?

Xhud: Mela tapplika still abroad application jekk mhinix sejjer zball CAA2 dokument propja.

Qorti: Tapplika fejn?

Xhud: Tapplika onlajn through a portal Identity Malta issa meta tiġi proċessata l-applikazzjoni tintbagħat invitation letter jew refusal issa.

Qorti: Minn min?

Xhud: Mingħand ID Malta ovvjament issa once li jkun hemm l-invitation letter jibda l-proċess tal-viża issa jekk il-proċess tal-visa jgħaddi jiġi Malta mbagħad napplikawlu għall helath certificate bażikament li qiegħed in line mal-health regulations ta' Malta biex ikollu l-final work permit. Issa sfortunatament is-sur Harish Kondra mar b`dokument. mhux uffiċjali ID Malta u ovvjament, wehel l-proċess għal ftit għax kemm hu veru għandi d-dokumenti quddiemu jidher li tajthom lis-surġent. Ġimgħa wara irċevejt l-approval tad-dipartiment of health li jista' japplika għall work permit u fil fatt ħariġlu jiġifieri.

Pros: Issa biex joħroġ din l-email ovvjament l-approval jsiru xi testijiet naqblu?

Xhud: Iva,

Pros: Saru dawn it-testijiet fuq harish Kondra?

Xhud: Iva.

Pros: U min applikalu ghalihom dat-testijiet?

Xhud: Applikajniehom aħna f'isem il-kumpanija.

Pros: U bħala pagamenti u hekk imbagħad?

Xhud: Bhala pagamenti nieħdu ħsiebu aħna.

Pros: Xejn aktar mix-xhud.

Avu; Kontro Ezami, Dakinhar li mar Harish Kondra l-identità min għamillu l-appuntament biex imur?

Xhud: L-appuntament nagħmluh aħna propjament nirċievu forma ta' notifika li jista' jmur għall-approval.

Avu: U dak in-nhar x'dokumenti kellu jieħu miegħu?

Xhud: Kellu jieħu miegħu il-health aprovel ovvjament m' u residence.

Avu: Orrajt, issa inti kif għamiltu l-appuntament jekk il-health approval kien għadu ma rċeviex?

Xhud: Propjament ghandi ufficcjal mieghi jghinna fil-kumpanija jiehu hsieb dawn l-affarijiet, jiġifieri ma nidħolx daqshekk ċerti affarijiet tekniċi.

Avu: Imma la ntbaghat biex jagħmel appuntament suppost kellu il-karta?

Xhud: Pero biex inkunu onesti ikun hemm każijiet fejn huma jmorru minn rajhom jaraw qed il-proċess, qed idum u jaqbdu imorru minn rajhom.

Avu; Pero għadni kemm staqsejtek jekk għamiltx l-appuntament u inti ghedtli iva, jiġifieri sar appuntament min-naħa tagħkom biex huwa jmur bil-

karti, jiġifieri suppost kellkom karta tal-health lesta min naħa tagħkom, jista' jkun din il-karta tajtu int tajtuha intom?

Xhud: Le Żgur li le għax meta s-surġent urini kopja tal-email kien jidher li l-email mhux tagħna żgur.

Avu: Jista' jkun li sar żball minn naħa tagħkom?

Xhud: Le zgur li le.

Avu: Id-dokumenti li mar bihom, min tahomlu?

Xhud: Min tahomlu jista' jkun dal-persuna ħarġu li hadi ħsieb id-documentation pero zgur li il-health documents żgur kienu għadhom ma ħarġux, jiġifieri żgur li mhux minn naħa tagħna.

Avu: Jiġifieri għalxejn mar dakinhar naqblu fir-realtà?

Xhud: Naqbel miegħek, qisu fl-opinjoni tiegħi kif rajthom l-affarijiet qisu ħa ċans.

Avu: Issa minn fejn setgha ġiebha dad-dokument b'reference number li filfatt tappartjeni l-persuna inti l-persuna li tappartjeni l-email li kienet xi darba impjegata tieghek impjegat mieghek, mela hawnhekk issir referenza għal-persuna Bayic Singh dak kien jaħdem miegħek xi żmien?

Xhud: L-isem idoqqli.

Avu: L-Isem kien idoqqlok jiġifieri għamel żmien jaħdem miegħek?

Xhud: Iva, pero żgur li aħna ma tajniehx dik ir-reference number.

Avu: Allura minn fejn seta' ġabha?

Xhud: Jista' jkun kellu xi ħadd u kkopja, qallu isma qallu ħudha r-reference number u hu ċans hekk qed nassumi.

Avu: Taqbel miegħi li ma jitkellimx bl-ingliż so?

Xhud: Nqbel, ma jitkellimx bl-ingliz jifhem ftit imma mhux fluent.

Avu: Ma tistax tagħmel konverżazzjoni miegħu naqblu?

Xhud: Meta ghamilna l-online interview bl-interpretu kien.

Avu: Xejn izjed sinjura.

Harish Kondra xehed hekk:

Avu: Mela Sur Kondra rista tghidilna meta mort l-identita` min għamillek l-appuntament?

XhudL Il-kumpanija għamlilti l-appuntament.

Avu: U x' kienet ir-raġuni għalfejn kellek tmur?

Xhud: Minħabba biex ikollu il-work permit single work permit kif semmieha hu.

Avu: Imma kellu jippreżenta xi affarijiet dakinhar?

Xhud: Dokumenti li tagħtu l-kumpanija b'dawk mar.

Avu: Jiġifieri hu mar b'dokumenti li tawh il-kumpanija.
Xhud: Iva.

Avu: Kellu ħafna dokumenti?

Xhud: Kellu ħafna dokumenti f'idejh kellu inti l-Rental agreement kellu l-insurance il-health approval. L applikazzjoni u l-confirmation.

Avu: Kellu mazz karti jigifieri?

Xhud: Iva.

Avu: Jiġifieri il-kumpanija kienu tawh numru ta' dokumenti kollha flimkien naqblu?

Xhud: Iva.

Avu: Min tahomlu mill-kumpanija?

Xhud: David Debono il-manager tal-kumpanija.

Avu: Il-persuna li xehed hawn hu stess tahomlu jew xi impjegat ieħor?

Xhud: Xi ħadd ieħor u mhux is-sinjur li xehed hawn.

Avu: Mhux is-sinjur li xehed hawn, xi ħadd li jaħdem mal-kumpanija?

Xhud: Iva.

Avu: Impjegat tal-kumpanija?

Xhud: Iva.

Qorti: Fejn jaf li hu impjegat tal-kumpanija?

Xhud: Mela skond is-sinjur qabel ma kienx jaf jekk hux jaħdem mal-kumpanija jew le pero wara spiċċa jaf li s-sur Michael Debono u minn taħ d-dokumenti biex jagħtihomlu, David Debono skużani.

Qorti: Kif sar jaf?

Xhud: Mela qed jagħmel correction żgħira li through habib tieghu li through David Debono tah dokumenti.

Avu: David debono qallu?

Xhud: Daħħal ħabib tiegħu li tahom lilu.

Avu: Tah il-ħabib tiegħu u l-ħabib tiegħu taħ lilu okay, hu jiġifieri minn David Debono ġabarhom?

Qorti: Le mhux hekk qal hu qal li David Debono tahomlil xi hadd li qallu li dawn tahomlu David Debono da xi ħadt tahom lilu.

Avu: U fejn kien dan fl-uffiċċju?

Qorti: Mela il-Qorti tinnota d-diffikultajiet enormi sabiex jimxu l-proċeduri meta hemm bżonn il-preżenza, ta' 2 interpreti biex tifhem l-imputat.

Xhud: Mela is sinjur qed jgħid mill-assistent tal-kumpanija bagħtlu d-dokumenti fuq il-mobile tiegħu u mill-mobile tiegħu ipprintjaħhom u preżenthom.

Avu: Jiġifieri minn email mingħand il-kumpanija d-dokumenti kollha kienu mal-email u printjahom inkluż dan id-dokument?

Xhud: Mela fl-ewwel bagħtuhom fuq il-mowbajl u mbagħad bagħtuhom bl-email.

Avu: Bl-email u printjahom hu mill-email?

Xhud: Mela fil-bidu printja minn fuq il-mowbajl u mbagħad pprintja dawk oriġinali li kienu fl-email għax ma kinux ċari fuq il-mobile.

Avu: Ok jiġifieri d-dokumenti inkluż dan kien intbagħat mill-email tal-employer.

Xhud: Iva mill-email tal-kumpanija.

Avu: Issa hu ipprintjhom u mar bihom kien jaf x'kull dokument kien fih kien kapaċi jaqrah?

Qorti: Is-sinjuri jaqra bil-Malti jew bl-ingliż?

Xhud: Ma jafx jaqra bil-Malti pero jaf jaqra bl-ingliż.

Avu: Hu iċċekkjahom id-dokumenti li preżentahom?

Xhud: Mela is-sinjur qed jgħid ipprintja d-dokumenti kollha mill-emial pero ma kienx jaf id-dokumenti ta' x'kienu u liema tiegħu mhux tiegħu jew li huma oriġinali u mhux oriġinali.

Qorti: Jiġifieri dan ipprintja li bagħatlu baqa' sejjer bihom bażikament?

Xhud: Iva.

Avu: Xejn iżjed.

Pros: Kontro ezami. Mela hemm fis-27 ta' Ottubru tiftakar kont uffiċċju tiegħi biex nigborlok l-istatement?

Xhud: Iva.

Pros: Tiftakar li ukoll li ghaedtli li David Debono nnifsu kien għaddielek id-dokumenti?

Xhud: Iva.

Pros: Mela llum kif qed tgħidilna li għaddewlek id dokumenti f'isem David Debono?

Xhud: Irċevejt email mill-kumpanija ħsibt li mingħand David Debono pprintjajtu so jien kont għadni ġdid u ħsibt dak l-email hekk mill-kumpanija.

Pros: Imma inti fl-ebda ħin ma semmejtilna li bl-email karti għedtilna li għaddewlek dokumenti,

Xhud: Is-Sinjur qed jgħid li sakemm irċevejt dawk id-dokument li ppreżentajt ma nafx liema kienu oriġinali jew ma kinux oriġinali minnhom.

Pros: Xejn aktar sinjura.

**Ikkunsidrat**

l-ebda xhud ma indika data shiha ta’ meta sehhew il-fatt in-desamina.  Li tghid data minghajr ma tindika s-sena mhux prova bizzejjed. Dan iffiser li ma intlahaqx il-livell ta’ provi rikjesti fil-kamp Kriminali.

**Decide**

Ghaldaqstant ma issibx lil Harish Kondra hati ta’ ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**